

32006D0258

L 93/63

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.3.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Marzu 2006

**li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/683/KE li taċċetta impenn offrut b'konnessjoni mal-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tar-receivers tat-televixin li joriġinaw, inter alia, fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

(2006/258/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. PROĊEDURA PREĊEDENTI

- (1) F'Awissu 2002, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1531/2002 <sup>(2)</sup>, il-Kunsill impona dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet tar-receivers tat-televixin ("il-prodott ikkonċernat") li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ").
- (2) Fl-istess waqt, il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2002/683/KE <sup>(3)</sup>, aċċettat impenn konġunt ("l-impenn") mill-Haier Electrical Appliances Corp., Ltd, il-Hisense Import & Export Co., Ltd, il-Konka Group Co., Ltd, is-Sichuan Changhong Electric Co., Ltd, l-iSkyworth Multimedia International (Shenzen) Co., Ltd, it-TCL King Electrical Appliances (Hui Zhou) Co., Ltd u x-Xiamen Overseas Chinese Electronic Co., Ltd ("il-Kumpaniji"), flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Makkinarji u Elettroniċi ("is-CCCME").

- (3) Bħala riżultat, importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li għandu l-oriġini tiegħu fir-RPĊ, immanifaturat mill-Kumpaniji, u ta' tip kopert mill-impenn ("il-prodott kopert bl-impenn"), kienu eżentati mid-dazji *anti-dumping* definittivi.

## B. KSUR TA' L-IMPENN

## 1. Obbligi tal-kumpaniji b'impenni

- (4) L-impenn offrut mill-Kumpaniji jobbligahom li, *inter alia*, jesportaw il-prodott kopert bl-impenn lill-ewwel klijent indipendenti fil-Komunità b'livelli jew b'livelli ogħla ta' ċertu prezz minimu ta' importazzjoni ("l-MIPs") u biex ikunu rrispettati ċerti limiti stabbiliti fl-impenn. Dawn il-livelli ta' prezzijiet u l-limiti jeliminaw l-effetti ta' ħsara tad-*dumping*.
- (5) Għall-għanijiet li jiżguraw il-konformità ma' l-impenn, is-CCCME u l-Kumpaniji qablu wkoll li jipprovdu kull tagħrif meqjus bħala meħtieġ mill-Kummissjoni u li jippermettu żjarat ta' verifika fil-bini tagħhom biex ikunu possibbli verifiki ta' l-eżattezza u l-veraċità tad-*data* sottomessa fl-imsemmija rapporti ta' kull tliet xhur.
- (6) Kif innotat fil-premessa 239 tar-Regolament (KE) Nru 1531/2002, l-impenn speċifikament jipprovdi li ksur minn xi waħda mill-Kumpaniji jew mis-CCCME għandu jkun ikkunsidrat bħala ksur ta' l-impenn mill-firmatarji kollha. Nuqqas ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea fl-immonitorjar ta' l-impenn hu kkunsidrat bħala ksur ta' l-impenn.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

<sup>(2)</sup> ĠU L 231, 29.8.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 231, 29.8.2002, p. 42.

- (7) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni talbet biex tagħmel żjara ta' verifika fuq il-post fil-bini tas-CCCME u taż-żewġ kumpaniji li huma rrapportati li għandhom l-akbar volum ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat, prinċipalment ix-Xiamen Overseas Chinese Electronic Co., Ltd u l-Konka Group Co., Ltd. Il-Kummissjoni baġtet ittri ta' pre-verifika, lix-Xiamen Overseas Chinese Electronic Co., Ltd u l-Konka Group Co., Ltd b'indikazzjonijiet tad-dati għall-verifika fuq il-post.

## 2. Riżultati tal-verifika rikjesta

- (8) Is-CCCME u x-Xiamen Overseas Chinese Electronic Co., Ltd ikkonfermaw l-aċċettazzjoni taż-żjara ta' verifika rikjesta mill-Kummissjoni. Madankollu, il-Konka Group Co., Ltd irrifjuta li jaċċetta ż-żjara ta' verifika.
- (9) Il-kumpanija kienet mitluba tikkjarifika jekk din kinitx il-pożizzjoni finali tagħha u kienet imfakkra li skond il-Klawsola 5.6 ta' l-impenn, il-Kumpaniji impenjaw ruħhom li jikkooperaw billi jipprovdu l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tkun assigurata l-konformità ma' l-impenn konġunt u biex jippermettu l-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jivverifikaw l-informazzjoni u d-data kollha pprovduta. Din tinkludi l-possibbiltà li dawn l-uffiċjali jwettqu investigazzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-Kumpaniji u/jew is-CCCME, anki b'avviż fl-aħħar minuta.
- (10) Permezz ta' ittra, il-kumpanija Konka Group Co., Ltd, ikkonfermat li ma kellhomx interess li jikkooperaw u din il-pożizzjoni meħuda mill-kumpanija kienet barra minn dan ikkonfermata mis-CCCME.
- (11) B'hekk, is-CCCME u l-Kumpaniji kienu informati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien intenzjonat li tkun irtirata mill-Kummissjoni l-aċċettazzjoni ta' l-impenn, minħabba l-ksur ta' l-impenn mill-Konka Group Co., Ltd, u li d-dazju *anti-dumping* definittiv

ikun impost minflokha. Ingħata perjodu li fih jistgħu jsiru appelli kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm. Ebda kummenti ma kienu mibgħuta.

## C. REVOKA TAD-DEĊIŻJONI 2002/683/KE

- (12) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, hu kkunsidrat li l-aċċettazzjoni ta' l-impenn offrut mill-Kumpaniji flimkien mas-CCCME, għandha tkun irtirata. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/683/KE li taċċetta impenn għandha tkun revokata.
- (13) Fl-istess waqt mad-Deċiżjoni, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 511/2006 <sup>(1)</sup>, emendat ir-Regolament (KE) Nru 1531/2002 sabiex jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet esportati lill-Komunità mill-kumpaniji li għandhom x'jaqsmu mar-receivers tat-televixins tal-kulur,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/683/KE hi revokata.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.